

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1040/2007

ta' l-10 ta' Settembru 2007

li japprova emendi minuri lill-ispeċifikazzjonijiet ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiki protetti

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiki u tad-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti ta' l-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tieni sentenza ta' l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u fid-dawl ta' l-Artikolu 17(2) ta' l-istess Regolament, il-Kummissjoni eżaminat it-talba ta' Franza biex jiġu approvati emendi lill-ispeċifikazzjonijiet tad-denominazzjoni protetta ta' oriġini "Melon du Quercy", irreġistrata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1165/2004 <sup>(2)</sup>.
- (2) L-għan ta' din it-talba huwa li temenda l-ispeċifikazzjonijiet li jirrigwardaw l-ismijiet tal-komuni inklużi fiż-żona ġeografika tal-"Melon du Quercy", peress li ħames komuni tħallew barra bi żball mil-lista meta l-ismijiet tal-cantons [distretti awtonomi] u l-komuni ġew traskritti mill-mappa.

- (3) Il-Kummissjoni eżaminat l-emenda kkonċernata u kkonkludiet li hija ġġustifikata. Billi din hija emenda minuri skond l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni tista' tapprovaha mingħajr rikors għall-proċedura stipulata fl-Artikoli 5, 6 u 7 ta' l-istess Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-ispeċifikazzjonijiet ta' l-indikazzjoni ġeografika protetta "Melon du Quercy" huma b'dan emendati skond l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Sintesi ta' l-elementi ewlenin ta' l-ispeċifikazzjonijiet tinsab fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Settembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 952/2007 (ĠU L 210, 10.8.2007, p. 26).

<sup>(2)</sup> ĠU L 224, 25.6.2004, p. 16.

## ANNEX I

B'dan huma approvati l-emendi li ġejjin għall-ispeċifikazzjonijiet ta' l-indikazzjoni ġeografika protetta "Melon du Quercy" (Franza):

"Żona ġeografika":

Fil-paragrafu li jibda "Il-komuni tal-cantons li ġejjin"

— taħt l-ewwel inċiż "Fi *Tarn et Garonne*", it-tieni subinċiż

— "*Canton de Valence d'Agen*"

jiżdied l-isem tal-komun li ġej:

"Perville"

— taht it-tieni inċiż, "FLot",

jiżdied ir-raba' subinċiż bl-ismijiet tal-komuni li ġejjin:

— *Canton de Cahors Sud*: "Labastide-Marnhac", "Le Montat"

— taht it-tieni inċiż, "FLot",

— fis-subinċiż *Canton de Luzech*,

jiżdied l-isem tal-komun li ġej:

"Cambayrac"

— fis-subinċiż *Canton de Puy l'Evêque*,

jiżdied l-isem tal-komun li ġej:

"Floressas".

\_\_\_\_\_

## ANNEX II

## SINTEŻI

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' l-orijini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti ta' l-ikel

## “MELON DU QUERCY”

Nru tal-KE: FR/IĠP/105/0086//30.12.2005

DOP ( ) IĠP (X)

Din is-sinteżi tagħti l-elementi ewlenin ta' l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott b'għan informativ.

1. *Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:*

Isem: Institut national des appellations d'origine  
 Indirizz: 51, rue d'Anjou — F-75008 Paris  
 Tel.: (33) 1 53 89 80 00  
 Feks: (33) 142 25 57 97  
 Posta elettronika: info@inao.gouv.fr

2. *Grupp:*

Isem: Syndicat Interprofessionnel du Melon du Quercy  
 Indirizz: 29, avenue du Général de Gaulle – F-46170 CASTELNAU-MONTRATIER  
 Tel.: (33) (0) 565 21 96 83  
 Feks: (33) (0) 565 21 88 15  
 Posta elettronika: melon-du-quercy@wanadoo.fr  
 Kompożizzjoni: Produtturi/proċessuri (X) Oħrajn ( )

3. *Tip ta' prodott:*

Klassi 1.6 – Frott, ħaxix u ċereali fl-istat oriġinali jew ipproċessati

4. *Speċifikazzjonijiet*

(sinteżi tar-rekwiżiti skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. *I s e m :*

“Melon du Quercy”

4.2. *D e s k r i z z j o n i :*

Bettieħ bil-qoxra lixxa jew minsuġa, lewn aħdar/griż jagħti fl-isfar, bil-laħam oranġjo, u b'piż ta' bejn 450 g u 1 300 g jew aktar.

4.3. *Ż o n a ġ e o g r a f i k a :*

Iż-żona ta' IĠP “Melon du Quercy” tinkludi:

Il-cantons li ġejjin:

— *FTarn et Garonne*: Bourg de Visa, Caussade, Lafrançaise, Lauzerte, Moissac, Molières, Montaigu de Quercy, Monpezat de Quercy, Monclar de Quercy, Nègrepolisse, Villebrumier, Montauban

— *FLot*: Calstelnau-Montratier, Montcuq, Lalbenque

— *FLot et Garonne*: Tournon, Penne, Beauville, Puymirol

Il-komuni tal-cantons li ġejjin:

— FTarn et Garonne:

— *Canton de Caylus*: Mouillac

— *Canton de Valence d'Agen*: Castelsagrat, Goudouville, Saint-clair, Gasque, Montjoi, Perville, Pommevic, Valence d'Agen

— FLot:

— *Canton de Cahors Sud*: Labastide-Marnhac, Le Montat

— *Canton de Limogne*: Concots

— *Canton de Luzech*: Cambayrac, Carnac Rouffiac, Villesèque, Sauzet

— *Canton de Puy l'Évêque*: Floressas, Lacapelle Cabanac, Sérignac, Mauroux

#### 4.4. Prova ta' l-oriġini:

Il-bettieħa ta' Quercy ilha titkabbar fir-reġjun ta' Quercy mis-seklu sittax. Fl-1930, il-produzzjoni tal-bettiehadet spinta bis-saħħa, partikolarment, taż-żieda fil-medda ta' artijiet imħawla bih u d-dehra tiegħu fis-swieq lokali. Din il-produzzjoni baqgħet tiżdied fis-snin 1940-45, u mill-1960 'il quddiem ħadet spinta oħra permezz tat-trasport.

Illum il-ġurnata, il-bettieħa ta' Quercy tgawdi minn reputazzjoni mseddqa, u l-għadd ta' marki użati minnu nnifsu juri l-importanza tar-rabta bejn il-bettieħa u r-reġjun ta' Quercy.

Fil-bidu ta' kull sena tas-suq, il-ġonot tar-raba' ta' kull produttur jiġu approvati mill-esperti awtorizzati mill-korp ta' ċertifikazzjoni, skond iż-żona ġeografika u l-art eliġibbli. Kull ġonta raba' titniżżel fir-reġistru tal-kultivazzjonijiet tal-Melon du Quercy: il-komun, is-sezzjoni, in-numri ta' referenza fir-reġistru ta' l-artijiet, u l-erja f'mijiet ta' metri kwadri (ares).

Kopja ta' din l-informazzjoni tinżamm fir-reġistru tal-kultivazzjonijiet tal-produttur, kopja oħra tintbagħat lill-impjant ta' l-ippakkjar, u kopja oħra tintbagħat lis-Syndicat Interprofessionnel du Melon du Quercy.

B'hekk jiġu identifikati u rreġistrati isem il-produttur, il-varjeta' u l-ġonot tar-raba' li jikkorrispondu għal kull lott li jitwassal sa l-impjant ta' l-ippakkjar. Dan l-impjant jiġbor flimkien il-lottijiet ta' diversi produtturi. Il-lottijiet iċċertifikati jiġu sseparati mil-lottijiet mhux iċċertifikati malli jidħlu fl-impjant ta' l-ippakkjar, biex imbagħad jiġu ppakkjati, tikkettati u kkummerċjalizzati separatament.

#### 4.5. Metodu ta' produzzjoni:

Il-bettieħa ta' Quercy jitkabbar minn varjetajiet magħżula. Il-ħsad isir meta jkun misjur għal kollox, u jekk possibbli, kuljum qabel is-13:00. Il-bettieħa jitqiegħed minnufih f'kontenituri ta' l-injam jew kaxxi tal-plastik, f'saff wieħed biss, wieħed ħdejn l-ieħor iżda mingħajr ma jitgeddes iżżejjed.

Wara l-ħsad, il-bettieħa jitqiegħed f'post fejn ikun protett mix-xemx u mill-maltemp. It-trasport sa l-impjant ta' l-ippakkjar isir dakinhar stess tal-ħsad. Il-bettieħa imbagħad jiġi ċċekkjat u approvat skond id-dehra u l-kontenut ta' zokkor tiegħu. Jiġi kklassifikat, iggradat u mbagħad ippakkjat f'kontenitur ċellulari u/jew imgeżwer fil-karta, skond il-piż u l-kulur.

#### 4.6. Rabta:

Il-vantaġġ kbir tar-reġjun tal-Quercy għall-produzzjoni tal-bettieħa jinsab fil-ħamrija u fil-klima tiegħu. Il-karatteristiċi tal-klima, daqqa b'influwenzi mill-oċean (temp frisk u umdu) u daqqa mill-Mediterran (temp sħun u niexef), iġibu magħhom abitwalment varjazzjonijiet kbar fit-temperatura, u b'hekk jiżguraw l-kundizzjonijiet ideali għat-ktabbir tal-bettieħa f'termini ta' temperatura u umdità.

Fattur ieħor huwa l-ħamrija bil-kontenut tagħha ta' gir u ta' tafal. It-tafal huwa essenzjalment magħmul mill-illite u l-montmorillonite, li jippreservaw il-potassju. B'hekk, il-ħamrija tirregola n-nutrimient tal-pjanta b'dan il-mineral. Dan jagħti lill-bettieħa l-fwieħa partikolari ta' l-art. Barra minn hekk, il-ħamrija għandha kapaċità tajba biex iżżomm l-ilma, u b'hekk tiżgura li l-pjanta tirċievi provvista regolari.

#### 4.7. Organu ta' spezzjoni:

Isem: QUALISUD  
Indirizz: 15, avenue de Bayonne, 40500 Saint Sever  
Tel.: (33) (0) 558 06 53 30  
Feks: (33) (0) 562 88 13 91  
Posta elettronika: qualisud@wanadoo.fr

#### 4.8. Tikketta:

— *Isem il-prodott:* Melon du Quercy.

— *Karatteristiċi ċertifikati:* Imkabbar fir-reġjun ta' Quercy, maħsud meta misjur għal kollox.

---